MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2013

Numru. 369/2010

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Jeffrey Cassar ta` 26 sena, bin Emanuel u Natalie nee` Bugeja, imwieled tal-Pieta` fl-24 ta` Mejju 1984, residenti `Pandora`, Triq Bufula l-Hamra, Mosta u detentur tal-karta` tal-identita` numru 258584M.

Talli;

Fis-sena 2005 u fis-snin ta` wara f`dawn il-Gzejjer, b`diversi atti maghmulin zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b`rizoluzzjoni wahda:

1. Appropja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal haddiehor, minn hwejjeg u flus ta` Marcel Cassar u cioe` is-somma ta` aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu(€2,329.37) li kienet fdata

jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li sar uzu minnha specifikat, liema somma flus kien fdata jew ikunsinnata lilu minhabba l-professjoni, amminstrazzjoni, kariga jew servizz tieghu.

2. U aktar talli fl-istess data, lokalitajiet u cirkostanzi, b`mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta` ismijiet foloz, jew ta` kwalifiki foloz, jew billi nqeghda b`qerq iehor, ingann, jew billi ura haga b`ohra sabiex igeghel titwemmen l-ezistenza ta` intraprizi foloz, jew ta` hila, setgha fuq haddiehor, jew ta` krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika ghamel qliegh ta` aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu(€2,329.37) ghad-dannu ta` Marcel Cassar.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali datata 23 ta' Novembru, 2012, li permezz taghha gew indikati l-Artikoli relattivi li tahthom kellu jghaddi in gudizzju l-imputat ghal dan il-kaz;

Rat illi l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni li din il-kawza tigi ttrattata sommarjament minn din il-Qorti;

**Ikkunsidrat;**

Illi qabel xejn, il-Qorti tirrileva d-dewmien esagerat li kien hemm f'din il-kawza fuq mertu daqshekk semplici. Din il-kawza kienet giet ipprezentata l-Qorti f'April tal-2010, izda setghet tinqara biss f'Jannar 2012, kwazi sentejn wara, fejn l-imputat naqas milli jidher u di fatti kien wehel multa fuq disprezz lejn il-Qorti ghal tlitt darbiet. Dan id-dewmien huwa ghal kollox inaccettabbli u kundannabbli, u hela hafna hin ghal kulhadd.

Illi mill-provi prodotti, jidher car li l-imputat kien inghata diversi pagamenti permezz ta' cekkijiet minn Marcel Cassar sabiex isir xoghol ta' tiswija fuq numru ta' vetturi proprjeta' tal-istess Marcel Cassar. Fost ix-xogholijiet li kellhom isiru kien ix-xiri u installazzjoni ta' 'spare parts' ta' dawn il-vetturi, izda irrisulta li l-imputat, minn flok jixtri dawn l-affarjiet u jinstallahom, kien jaghmel affarjiet ohra b'dawk il-flus. Dan hu proprju r-reat tal-aaproprjazzjoni indebita klassiku fil-kamp penali. Di fatti, informalment, l-imputat kemm-il darba kien tenna quddiem din il-Qorti li kien lest ihallas l-ammont dovut lill-parti leza, izda ma jidherx li dan qatt sar effettivament.

Il-provi li gew prodotti mill-Prosekuzzjoni ma gewx kontradetti mid-difiza, li l-anqas ressqet provi in difesa. Ghalhekk, il-Qorti m'ghandha ebda triq ohra hlief li ssib lill-imputat hati u tghaddi biex tikkunsidra l-piena f'dan il-kaz. L-imputat tressaq fuq zewg imputazzjonijiet, wahda fuq approprjazzjoni indebita u ohra fuq frodi, liema imputazzjonijiet huma alternattivi ghal xulxin. Ghalhekk, mill-fatti tal-kaz, huwa evidenti li r-reat ta' frodi huwa ghal kollox karenti, u l-Qorti ghaldaqstant ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-imputazzjoni. Kwantu ghar-reat l-iehor, dan jirrisulta ampjament ippruvat u kwazi ammess mill-istess imputat, u in vista li f'dan iz-zmien kollu ma rrisultax li sar pagament fuq l-ammont dovut lil Marcel Cassar, u in vista li l-ammont huwa wiehed konsiderevoli u jeccedi l-ghaxart elef Ewro, il-Qorti hi tal-fehma li l-piena idoneja ghal dan il-kaz hija dik ta' prigunerija effettiva.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 18, 293, 294, 308, 309, 310(1)(a), 17, 23, 23A, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Il-Qorti issib lill-istess imputat Jeffrey Cassar hati skond l-akkuzi detotti kontra tieghu u ghaldaqstant qeghda tikkundannah ghal piena ta'sentejn prigunerija.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**DR. ANTHONY J. VELLA BA,LL.D.,MA**
**MAGISTRAT**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------